# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 19 ta’ Gunju, 2001**

**Numru**

**Cit. Nru. 1129/91 DS**

**Maria Dolores sive Doris Spiteri**

**vs**

**Mark sive Marc Caruana**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attrici pprocediet kontra l-konvenut b’dan l-att tac-citazzjoni:-

L-attrici ppremettiet illi:

> “Illi f'Novembru 1990 hija silfet lill-konvenut "brevi manu" s-somma ta' elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700) fuq xiri ta' karrozza u "synthesizer" mill-istess konvenut.
>
> Illi minn din is-somma l-konvenut hallas biss lill-attrici s-somma ta' hames liri Maltin (Lm5) u b'hekk fadal bilanc ta'

elf sitt mitt mija u hamsa u disghin liri Maltin x'jithallas lill-attrici.

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas baqa' inadempjenti.

Talbet lill-din il-Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf u sitt mija u hamsa u disghin liri Maltin (Lm1695) bilanc ta' somma akbar mislufa lilu "brevi manu" kif hawn fuq spjegat. Bl-imghaxijiet legali mid-data tas-self u cioe minn Novembru 1990 u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-4 ta' Settembru 1991 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut eccepixxal Ii t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ma kien hemm l-ebda self bejniethom.

**Decide**

B'sentenza tat-12 ta' Lulju, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet it-talba billi laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' Lm1,695, bilanc ta' somma akbar mislufa lilu brevi manu bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-istess konvenut.

**Il-provi migbura**

L-ewwel Qorti hekk elenkat il-provi migbura f'din il-kawza biex setghet tasal ghall-apprezzament taghhom:-

“Provi:

Fis-seduta tat-22 t'April 1992, Maria Dolores Spiteri wara li kkonfermat id-dikjarazzjoni ppresentata minnha mac-citazzjoni, spjegat kif hi kienet iltaqghet mal-konvenut l-ewwel darba gewwa Ghawdex fl-1 ta' Awissu 1990, u sussegwentement kienet harget mieghu xi tlieta jew erba' darbiet. Izda meta missierha kien sar jaf li hu kien ghaxar snin izhar minnha u oggezzjona, huma kien waqqfu milli johorgu flimkien. Pero' wara li ghaddew xi ftit gimghat, huma komplew johorgu flimkien.

Meta l-attur were x-xewqa li jixtri l-karrozza ta' missieru, hu staqsa lill-attrici kellhiex flus x'issellfu. Hu qallha "*ahna rridu nahsbu ta' but wiehed la qed nohorgu bis-serjeta".* L-attrici spjegat kif hi ma kinitx accettat dan u kienet qaltlu li kienet biss lesta li sselfu elf lira Maltin (Lm1000). Peress illi l-konvenut wara li kellem lill missieru gie lura u qal li dan ried elf u sitt mitt lira (Lm1600) ghall-karrozza, huma kienu ftehmu illi l-attrici l-ewwel isselfu elf lira Maltin (Lm1000) u mbaghad fl-ahhar gimgha tax-xahar meta hi kienet taqbad il-paga, kienet ser ittih mitt lira f'sitt pagamenti mensili fir-rigward tar-rimanenti sitt mitt lira Maltin (Lm600). L-attrici xehdet illi huma la kienu ghamlu xi skrittura bejniethom u lanqas il-konvenut hareg ircevuta ghal dan l-ammont.

Ghalkemm l-attrici ma kienitx tidhol ghand il-familja tal-konvenut, meta kienet iccempel kien hemm xi drabi meta tkellmet maghhom. Ghalhekk, fi Frar, 1991, l-attrici qalet illi kienet saret taf minghand ommu li l-karrozza kien fil-fatt xtraha minghand habib tieghu. Ommu stess kienet qaltilha sabiex ma tghidlux peress illi kien jirrabja jekk isir jaf li qaltilha. Din kienet l-ewwel darba li l-attrici kienet qeghda tizvela illi hi kienet hadet din l-informazzjoni minghand l-omm.

L-attrici affacjat lill-konvenut b'dan izda hu qallha biss "mhux xorta" u hi baqghet tatih il-pagamenti mensili. Meta wasal iz-zmien sabiex tatih l-ahhar pagament, cioe' f'Mejju, 1992, il-konvenut kien qalilha illi l-BOSE tal-Hamrun li minghandu kien xtara synthesizer, kien hareg mandatt kontrieh ghall-bilanc. Fuq rikjesta tal-konvenut stess, hi kienet cemplet lil tal-BOSE u ftehmet mieghu illi t-Tnejn ta' wara kienu sejrin flimkien ghandu sabiex il-konvenut ikompli jhallas. Ghalhekk l-attrici silfitu Lm100 u marru

flimkien ghand il-BOSE it-Tnejn 13 ta' Mejju 1991, fejn inharget ircevuta mill-hanut.

F'Marzu, 1991, il-konvenut kien ftiehem ma l-attrici illi hu kien ser itiha l-flus tal-paga sabiex din tfaddalhomlu. Ghalhekk hu taha Lm5, izda l-gimgha ta' wara hi silfitu Lm10 00 u dan qatt ma rega' ta xi flus ohra.

Huma ma baqqghux johorgu  flimkien sa mit-13 ta' Mejju 1991 u minkejja dan fl-ahhar ta' Mejju kienet silfitu l-ahhar Lm100 fuq il-karrozza. Il-konvenut ftiehem maghha li mill-ewwel paga ta' Gunju, hu kien lest li jibda jtiha l-flus sabiex jibdew ifaddlu flimkien. L-attrici pero' insistiet li l-ewwel jirrifondi lura Lm1700 li kienet silfitu u qallha "*Daz-zgur".*

Meta l-konvenut kellu jithallas l-ewwel paga f'Gunju, l-attrici spjegat illi dan qallha li hu ried jitlaq minn Malta u talabha sabiex issellfu Lm20. Hi kienet qaltlu li ma rieditx issellfu aktar flus u ghalhekk iddecidew li jieqfu johorgu flimkien.

L-attrici kienet imbaghad kitbitlu sabiex tfakkru jhallas id-dejn izda meta hadet risposta minghandu, hu qallha li kien maghsur. Meta kienet marret ukoll tistennieh barra d-dar tieghu hu kien taha hames liri Maltin(Lm5) izda ma riedx jiffirma u qallha li hu seta' jghid li ma tatu xejn peress illi ma kien hemm xejn bil-miktub. Ommu kienet cemplet aktar tard dakinhar sabiex issaqsiha ghalfejn kienet marret ghandhom u l-attrici kienet irrispondiet illi hi riedet flusha lura. Ghalhekk hi bdiet il-proceduri kontrih.

Fis-seduta tad-9 ta' Gunju 1992 xehdet l-attrici fejn qalet li sussegwentement kienet cemplitilha omm il-konvenut u l-attrici spjegat illi din staqsietha ghan-numru tat-telefon ta' l-avukat taghha. Fil-fatt hi u zewgha qatt ma marru ghandu. Kienet cemplet ukoll f'Dicembru, 1991, meta qalet lill-attrici illi din kienet qeghda taghmel vendikazzjoni minnhom u l-attrici qaltilha biex tkellem lill-Avukat taghha.

Mill-elf lira Maltija (Lm1000) li silfet lill-konvenut, l-attrici kienet gibdet disa' mija u ghoxrin liri Maltin (Lm920) mill-bank (ara Dok. P) u flimkien ma tmenin liri Maltin (Lm80) li kellha d-dar, tathomlu dakinhar stess.

Fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 1994, l-attrici in kontroezami spjegat illi meta bdiet tohrog mal-konvenut, hi kienet ilha ghaxar snin tahdem bhala *teacher* u kienet tahdem ukoll

bhala Segretarja mal-MFA. Il-konvenut kien jahdem it-Tarzna u jsuq *minibus* pero' ma setghetx tikkonferma l-qliegh li kien qed jaghmel.

Hi kienet waslet ghall-konkluzjoni li ma jfaddalx peress illi l-konvenut stess kien ighid li jonfoq kollox u kellu hafna spejjez. Qatt ma qalilha x'kienu dawn l-ispejjez ghalkemm kien jghid li missieru jzommlu l-flus. Ommu qaltilha mill-anqas tlett darbiet li ma jfaddalx. Meta kienu johorgu forsi tlieta jew erba' darbiet fil-gimgha, l-attrici qalet li kienu jiehdu drink jew anke xejn. Rigward *overtime,* l-attrici ma setghetx tghid kemm kien jaghmel *overtime,* izda tiftakar li darba kienet marret ghalih fis-6.30 p.m.. l-attrici ziedet ukoll illi missier il-konvenut kien jahdem mat-Telemalta izda ma kienitx taf jekk kienux nies tal-flus.

L-attrici xehdet ukoll illi kien f'Novembru li dan talabha ghall-flus. Il-karozza ratha xi gimgha wara li zbankat il-flus. Dan kien iz-zmien li regghu bdew johorgu flimkien. Wara li tatu l-ewwel ammont sostanzjali, l-attrici qalet illi ma kienitx tizbanka peress illi l-ammonti kienu zghar u ghalhekk kienet tuza l-paga jew il-quickcash. Il-flus dejjem tathomlu cash u hu kien imur ihallas. Pero' darba minnhom ix-xhud qalet li kienet marret mieghu l-Imqabba sabiex ihallas il-pagament dovut fuq il-karrozza. Hi ma dahlitx. Ghand il-hanut ta' Genovese kienet marret darba biss.

Il-konvenut fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1992, spjega illi hu kien beda johrog ma l-attrici f'Settembru, wara li kienu ltaqghu Ghawdex. Hu kien ihobbha pero' l-hbiberija ta' bejniethom damet biss xi seba' xhur u dan peress illi l-attrici kienet timponi sikkatura zejda. Huma qatt ma dahlu ghand xulxin. Kienet biss l-attrici li dahlet ghand il-familja tieghu meta marret tghidlu li kellu jtiha xi flus. Ix-xhud innega li dakinhar kien ta xi flus. Qatt qabel ma kienet talbitu flusha lura. Kienet cemplet ukoll lill ommu sabiex tghidilha li hu kellu jtiha xi flus.

Il-konvenut sostna illi hu ma kellu jtiha l-ebda flus lill-attrici peress li qatt ma tatu flus. Hi kienet qieghda tivvinta. Inoltre, hi qatt ma qaltlu li kienet harget xi flus mill-bank. Meta kienu johorgu xi kultant kien ihallas hu u drabi ohra kienet thallas hi.

Il-genituri tieghu kienu dejjem tawh il-flus, ghalkemm mhux flus kbar, peress li hu qatt ma gie bzonn dawk l-ammonti. Hu kien jissellef flus minghandhom biss. Il-konvenut xehed illi hu kien xtara l-karrozza u s-*synthesizer* li kienu ta' certu valur. Hu sostna li kien dejjem gawda l-hajja u xtara dak li ried, izda wkoll dejjem hallas ghal dak li kien jixtri. Kellu biss problema ma' dak li minghandu kien xtara s-*synthesizer* u ghalhekk kien mar ghandu flimkien ma l-attrici. Il-konvenut ikkonferma illi dakinhar hi ma kienet harget l-ebda flus.

Seduta 30 ta' April 1993

Dakinhar li marru ghand Emanuel Genovese, minghand min il-konvenut kien xtara s-*synthesizer*, l-attrici kienet marret mieghu minn jeddha.

Il-konvenut ikkonferma illi hu kien xtara l-karrozza Ford Escort sewda fit-8 ta' Settembru, 1990, minghand Julian Briffa ta' "Johan", Misrah il-Fidwa, Mqabba, bil-prezz ta' Lm1300. Kien hallas Lm500 akkont u Lm50 kull xahar. L-attrici pero' ma kienet harget xejn.

**Julian Briffa**

Seduta 23 ta' Novembru 1993

Madwar tlett snin qabel, ix-xhud spjega illi hu kien biegh il-karrozza tieghu Escort sewda nru. H-1583 lil certu Mark miz-Zurrieq. Il-prezz kien cirka Lm1500. Hu kien hallas elf fuq akkont u 'l bqija b'rati mensili ta' cirka Lm100 fl-ahhar ta' kull xahar.

Il-konvenut zgur li kien jiffirmalu x'imkien izda x-xhud irritjena illi hu kien qatta' kollox wara li kienet thallset.

Seduta 8 ta' Marzu 1994.
Fir-rigward taz-zewg karti ta' rcevuta Dok. X Julian Briffa ikkonferma l-kitba fuq l-ewwel karta u l-ammonti u l-firma tieghu fuq it-tieni karta. Ix-xhud ftakar illi kien biegh lill-konvenut il-karrozza ghal Lm1300 u *stereo* ghal Lm200.

Filwaqt illi x-xhud wera l-ID card, hu spjega illi l-firma tieghu fuqha kienet bil-mod u dik fuq il-karti esebiti kienu aktar bil-ghagla.

**Emanuel Genovese**
Seduta 23 ta' Novembru 1993
Ix-xhud spjega illi hu kellu hanut gewwa 61, Villambrosa Street, Hamrun, minn fejn kien ibiegh hi-fi u strumenti muzikali. Ftit zmien ilu hu kien hareg mandat ta' qbid kontra l-konvenut peress illi ma kienx kompla jhallas l-ammont dovut fuq *synthesizer,* cioe' Lm600.

Sussegwentement kienu marru il-kontendenti ghandu u l-attrici hallset xi pagamenti fil-presenza tal-konvenut stess. Hu deherlu li l-ammont kien ta' Lm100 u wara dakinhar kienet giet ukoll drabi ohra mieghu sabiex ihallsu. Il-flus pero' dejjem hargu mill-handbag taghha. Ix-xhud ftakar illi kien sar diskors bejn it-tlieta li huma, fis-sens illi l-konvenut ma setax ihallas f'daqqa u ghalhekk kienet ser thallas l-attrici r-rati separati ta' Lm100. Ix-xhud ftakar illi omm il-konvenut kienet kompliet thallas dawn ir-rati li pero' kienu ta' Lm50.

Seduta 21 ta' Frar 1997.
Ix-xhud qal li hu gharaf lil omm il-konvenut li kienet qeghda tistenna barra, kif ukoll lill-attrici li kienet tmur mal-konvenut thallas. Wara li kienet marret mal-konvenut li qallu li din ser tibda thallas ghas-*synthesizer,* kienet marret diversi drabi. Dakinhar stess kienet ghamlet l-ewwel pagament taghha. Omm il-konvenut dejjem wahedha marret thallas.

Kif il-konvenut waqaf milli jhallas, ix-xhud qal li kien l-istess konvenut li qallu li kellu problemi ta' flus, izda qatt ma kellmu dwar problema bis-*synthesizer.* Meta x-xhud kien kellem lill-missier, hu qallu sabiex allura jaqbad u jehodlu s-*synthesizer.*

**Frances Caruana**
Seduta 5 ta' Frar 1996
Ix-xhud spjegat illi hi kienet omm il-konvenut. Hi qalet illi hi kienet titkellem biss ma' l-attrici permezz tat-telefon. Il-konversazzjoni taghhom qatt ma kellha x'taqsam ma' flus. Ikkonfermat ukoll illi l-konvenut qatt ma kellimha dwar xi flus li kellu jaghti lill-attrici.

Frances Caruana irriteniet illi hi kienet taf li binha kellu *synthesizer* li kien ihallas bix-xahar. Fil-fatt kienet tkun prezenti kull darba li hallas. Il-konvenut kien itiha l-flus minn tieghu u hi kienet tidhol taghtihom 'il Genovese. Il-

konvenut kien xtara wkoll karrozza u fir-rigward kien selfu Lm500 missieru u llum kien hallasha kollha.

Meta l-kontendenti kienu spiccaw mir-relazzjoni taghhom, l-attrici kienet qaltilha permezz tat-telefon illi kienu ggieldu u li hi kienet lesta li tpattihielu.

Seduta 21 ta' Frar 1997
Ix-xhud kompliet tghid illi l-attrici qatt ma semmiet flus quddiemha. Spjegat ukoll illi meta l-konvenut kellu bzonn xi flus, missieru dejjem tah. L-attrici kienet tghidilha sabiex ma ttihx flus peress illi l-omm kienet qeghda titilfu. Dan nonostante l-fatt illi hi qatt ma kienet urietha lill-attrici li kienu jselfuh xi flus.

Ghal dak li jirrigwarda x-xhud l-iehor, cioe' Emanuel Genovese, dan kien ragel anzjan izjed mill-persuna li kienet qeghda tistenna barra. Fil-fatt ix-xhud qalet li dik ta' l-ahhar ma kienitx tafha u lanqas kienet taf li dak li kient tmur ghandu bil-Lm50 kien jismu Genovese. Ghandu dejjem dahlet wahedha u hu kien jiffirmalha fuq il-ktieb.

**Leonard Caruana**
Seduta 5 ta' Frar 1996
ix-xhud ikkonferma illi hu kien missier il-konvenut. Hu spjega illi meta darba wahda kien qieghed jahdem gewwa Ta' Qali fuq xi trinek, l-attrici waqfet sabiex tkellmu. Kieku din m'ghamlitx hekk, hu ma kienx jafha lilha. Ftakar ukoll li kienet giet id-dar ghandhom u meta gie t-tifel qalilhom sabiex jitkellmu barra jekk kellhom xi problema.

Hu kien konxju tal-fatt illi t-tifel kien xtara karozza. Fil-fatt kien silfu Lm500. Kien hemm diversi drabi li hu silfu xi haga zghira tal-flus”.

**<u>Ir-relazzjoni peritali</u>**

Dawn il-provi gew fl-ewwel lok evalwati mill-perit legali nominat mill-ewwel Qorti, l-avukat Dr. Joseph Micallef Stafrace, li dwarhom ghamel is-segwenti konkluzzjonijiet:-

**"Relazzjoni tal-Perit Legali Av. Dott. Joseph Micallef Stafrace.**

Konkluzjonijiet:

Il-perit legali irritjena illi l-qofol tal-proceduri odjerni kienet wahda ta' kredibilita' tax-xhieda. Wara li hu qies il-provi kollha, il-perit legali qal li hu kien wasal ghall-konkluzjoni illi l-attrici kienet xehdet is-sewwa u dan kien qed jghidu abbazi tas-segwenti fatturi li kienu jaghtu lok ghall-krdibilita' taghha:

i. wiehed kellu jqies ir-raguni ghaliex ma tantx hablet rasha ssellef il-flus minghajr kitba abbazi tal-fatt li l-konvenut kien hafna izghar minnha, illi dan sar ihobbha u li hi kienet tixtieq tizzewgu peress li kienet imdejqa;

ii. ghalkemm il-konvenut kien silef Lm500 minghand il-missier sabiex fid-9.ta' Settembru 1990 hallas lil Julian Briffa *down payment* , dan kien qata' id-dejn mal-missier:

iii. ma rrizultatx raguni ohra ghaliex zbankat Lm920 fis 27 ta' Novembru 1990 oltre li sselifhom flimkien ma' Lm80 ohra lill-konvenut;

iv. irrizulta illi kien hareg verament mandat ta' qbid kontra l-konvenut minn Genovese ghalkemm il-genituri tieghu baqghu sajma minn dan il-fatt;

v. Genovese qal li wara li nhareg il-mandat, l-attrici kienet marret ghandu flimkien mal-konvenut li qallu li l-attrici kienet ser tkompli thallas. Ix-xhud ukoll qal li kienet tmur aktar tard omm il-konvenut thallas, liema fatt hi kkonfermat bil-gurament;

vi. Ghalkemm il-konvenut kien qal li waqaf ihallas lil Genovese minhabba xi problemi fis-*synthesizer* stess, Genovese qal li hu kien qallu li kien waqaf il-pagamenti abbazi tal-problemi finanzjarji;

vii. Il-konvenut qal li fl-opinjoni tieghu l-attrici kienet qeghda tivvinta fir-rigward ta' flus, izda dawn mhumiex kwistjonijiet ta' opinjoni;

viii. Ghalkemm il-konvenut kien qal li hu spjega lill-attrici li hu kien "*kapaci nfaddal...u dejjem wasalt",* xehed ukoll illi "*jien dejjem gawdejt il-hajja. Li ridt dejjem xtrajtu. Dejjem hallast dak li xtrajt".*

ix. It-tieni pagna tad-dok. X mhux daqshekk car u rassikuranti. Julian Briffa ma kienx assuma responsabbilita' ghall-ewwel vers 8th Sep. 1990 Lm300. Fil-fatt it-total indikat ta' Lm1300 mhux it-total ta' l-ammonti ndikati. it-total taz-zewg pagni hu fil-fatt Lm1600 li hu l-ammont li silfet l-attrici lill-konvenut.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**Nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attrici:**

Peress illi l-attrici qablet mal-konkluzjoni tal-perit legali, hi ghalhekk ghaddiet sabiex tigbed l-attenzjoni ghal dawk il-fatturi l-ohra li kollha jsahhu l-konkluzjoni tieghu.

L-ewwelnett, dak kollu li sehh bejniethom kellu jittiehed in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-kontendenti kienu namrati u ghalhekk l-attrici kellha fiducja bizzejjed fil-konvenut li sselfu l-flus minghajr formalitajiet. Il-verzjoni ta' l-attrici fir-rigward ta' kif uza l-istess flus il-konvenut hi korraborata mic-cirkostanzi.

L-attrici rrilevat illi l-konvenut qatt ma kien spjega kif fil-fatt kien wasal biex jaqta' d-dejn fuq il-karrozza u fuq is-*synthesizer.* Lanqas ma ta xi spjegazzjoni fir-rigward tad-Lm920 li gibdet l-attrici dak iz-zmien mill-akkont bankarju taghha, meta bhala namrat taghha zgur li kien ikun infurmat b'dan.

Fin-nota tieghu, il-konvenut gibed l-attenzjoni ghall-fatt illi d-dati ta' meta xtara l-karrozza u meta l-attrici selfitu l-flus, liema dati ma kienux jaqblu. Pero' fl-opinjoni ta' l-attrici, dan kien iservi biss sabiex juri n-nuqqas ta' kredibilita' ta' l-attur u l-makkinazzjoni li uza sabiex iqarraq biha.

Meta kien inhareg il-mandat ta' qbid kontra l-konvenut, dan kien cempel lill-attrici bi skop wiehed, cioe' sabiex jirrikorri ghall-fonti tal-flus tieghu. Minn dak li xehdet l-attrici kif ukoll Emanuel Genovese, johrog bic-car illi kienet l-attrici li hallset Lm100 minn gol-basket taghha. Il-fatt li ommu kienet ukoll ghamlet xi pagamenti juri bic-car id-diffikultajiet finanzjarji li kien ghaddej minnhom. Ghalkemm il-konvenut kien allega illi s-*synthesiser* ma kienx tajjeb, Genovese stqarr li qatt ma kien sema' b'xi problema fir rigward.

Ghalkemm fin-nota tieghu l-konvenut jghid li l-attrici kienet qalet li marret mieghu ghand Julian Briffa u dan kien stqarr li l-konvenut kien dejjem wahdu, l-attrici kienet xehdet ukoll illi hi kienet baqghet barra. L-attrici qalet ukoll illi dak li xehdet hi fir-rigward tal-modalita' tal-hlas, jaqbel ma' dak li xehed Julian Briffa.

L-attrici gibdet l-attenzjoni wkoll ghall-fatt illi appena li hi kienet selfet l-Lm1700 lill-konvenut, dan kien kellimha fis-sens illi kien ahjar kieku ma jiltaqghux aktar. U ghalhekk l-unika raguni li hi marret id-dar tieghu kienet sabiex jithallas id-dejn. F'dik il-gurnata, il-konvenut kien ghazel li jkellimha barra u sahansitra sabiex jheddidha li peress illi ma kien hemm xejn bil-miktub, hu seta' jghid li ma kienet tatu xejn. Il-konvenut fil-fatt ma riedx jinkixef quddiem il-genituri tieghu".

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti</u>

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

**"Konsiderazzjonijiet u konkluzjoni**

Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali illi x-xiehda ta' l-attrici hi wahda veritiera u dan ghar-ragunijiet hawn imfissra.

1. Issir riferenza l-ewwelnett ghal paragrafu 4 tan-nota tal-konvenut. Filwaqt illi skond ix-xiehda ta' l-attrici moghtija fis-seduta tat-22 ta' April 1992, il-konvenut kien ghidilha illi missieru kien jehodlu l-paga kollha, il-konvenut

qal ukoll fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1992, Illi *"Mistoqsi ghalfejn kienet iccempel nghid li kienet ghid 'l ommi ma jtunix flus ghax nitilfuh. Meta kelli bzonn il-genituri dejjem tawni. Mhux flus kbar ghax ma kienx ikolli bzonn flus kbar".* Kif jista' wiehed jifhem illi l-Lm-500 li selfu missieru skond ix-xhieda tieghu tal-5 ta' Frar 1996, ma kienux flus kbar ghal guvni ta' 21 tal-1990? Meta fl-istess seduta fuq imsemmija l-konvenut kompla jixhed illi *" jien dejjem gawdejt il-hajja. Li ridt dejjem xtrajtu. Dejjem hallast dak li trajt",* kif jispjega illi missieru kien jehodlu l-paga u illi dak li ried dejjm xtrah minghajr ma ssellef minghand hadd? Inoltre, ghalkemm dan dejjem hallas ghal dak li tara, xejn ma jfisser illi dan kien bi flusu. Kif ukoll ispjega illi skond kif xehed Julian Briffa fit-23 ta' Novembru 1993, hu kien jaqbez xi pagament.

2. Kemm verament il-konvenut kien kapaci jfaddal skond kif xehed fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 1992, hu dubbjuz meta kien jissellef diversi ammonti minghand missieru, inkluz l-ammont ghal-karrozza. Jidher illi minn dejjem kellu problemi fir-rigward ta' flus, u dan hu xhieda l-mandat li nhareg kontrih minn Emanuel Genovese meta dan ma kienx hallas ghas-*synthesizer,* kif ukoll mill-pagamenti erratici li hemm mnizzla fir-*record* esebit bhala Dok X1.

3. Minkejja dak li qal fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1992, u minkejja illi hu qal li qatt ma ssellef flus minghand l-attrici, il-konvenut ma gab l-ebda prova dwar kemm kien jaqla' u dwar kemm kien igemma' minn zmien ghal zmien.

4. Il-konvenut qatt ma nnega l-fatt li hu kien qal lill-attrici illi xtaq jixtri l-karrozza ta' missieru. Fil-fatt l-istorja tieghu turi certu makkinazzjoni skond kif qalet l-attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha paragrafu 1. Fil-fatt hu kien issellef il-flus minghand missieru u mbaghad wisq probabbli hallsu meta l-attrici ghaddietlu l-ammont ta' Lm1000.

5. L-attrici qalet ukoll fis-seduta tat-22 ta' April 1992, illi meta talbitu jiffirma, il-konvenut ma riedx. Qalilha wkoll illi *"madankollu seta jghid li ma kont tajtu xejn ghax ma kelli xejn miktub"* Certament dan ukoll juri certa hazen u makkinazzjoni da parti tal-konvenut.

6. Il-konvenut ma nnegax il-fatt illi hu kien qal lill-attrici li s-*synthesizer* kellu l-hsara. Anzi fis-seduta tal-11 ta'

Dicembru, 1992 kompla jghid illi kellu xi kwistjoni mal-persuna li minghandu kien xtrah. Dan kuntrarjament ghal dak li qal Emanuel Genovese fis-seduta tal-21 ta' Frar 1997, illi "*Ma jidhirlix li qatt semmieli problemi bis-synthesizer. Qatt ma gabu lura ghal xi haga".*

7. Kif il-konvenut jispjega illi l-attrici ma hargitx flus dakinhar li mar ihallas pagament l-istess *synthesizer* flimkien ma l-attrici u dan skond kif qal fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1992, meta l-attrici fix-xiehda taghha tat-22 ta' April 1992 qalet li hi kienet ghaddietlu Lm100 u Emanuel Genovese fis-seduta tal-21 ta' Frar 1997, qal illi *"Kien waqaf mill-pagamenti fit-tul, u spiccajt ghamiltlu l-mandat. Wara kien gie mal-attrici hawn prezenti (qabel qatt ma kont rajtha hlief dakinhar li giet) u hallset xi pagamenti, fil-presenza ta' Mark. L-ammont ma niftakrux. jidhirli li fil-bidu halliet xi Lm100 u mbaghad giet drabi ohra - dejjem mieghu. Il-flus kienet tohroghom mill-"handbag" taghha. Sar diskors bejnietna t-tlieta li Marc ma setax ihallas f'daqqa u kienet ser thallas rati l-attrici".*

8. Id-data 13 ta' Mejju 1991 meta l-attrici qalet li marru ghand il-BOSE gewwa l-Hamrun sabiex jaghmlu pagament fuq is-*synthesizer* hi korraborata ma' dik li tidher fuq ir-*record* Dok. XI, fejn fil-fatt hemm indikazzjoni wkoll illi thallas l-ammont ta' Lm100 skond ix-xhieda taghha stess.

9. Ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni tal-konvenut fin-nota tieghu illi hemm dubbju jekk dan hux l-istess wiehed li minghandu nxtara s-*synthesizer,* jinghad fl-ewwel lok illi l-konvenut qatt ma nnega dan bil-gurament. Inoltre, dan ix-xhud gharaf lill-attrici, kif ukoll lill-omm il-konvenut. Jinghad ukoll illi forsi din ta' l-ahhar kienet sabet lil missier ix-xhud xi drabi meta kienet tmur thallas.

10. Skond ix-xiehda ta' l-attrici moghtija fis-seduta tat-22 ta' April 1992, bejn l-1 ta' Mejju u t-13 ta' Mejju 1991, huma ma baqghux johorgu flimkien peress illi kellhom "*difference of opinion"* u l-konvenut kien talabha sabiex ma jkomplux ghal ftit ta' zmien. Hu kellu jcempillha fit-13 ta' Mejju 1991, izda fil-fatt hu cempillha qabel, cioe' fl-10 ta' Mejju, meta l-attrici qalet li kien hariglu l-mandat. Jidher fil-fatt illi regghu flimkien ghal xi zmien peress illi wara li kienet ghamlet l-ahhar pagament fl-ahhar ta' Mejju fir-rigward tal-karrozza, dan infurmaha li kienet thallset il-karrozza u ghalhekk weghedha li jroddomlha lura. Meta hi rrifjutat li sselfu aktar

flus ghall-passaport sabiex ikun jista' jitlaq minn Malta, hu rega' qallha sabiex ma jkomplux jiltaqghu ghal ftit. Ghalhekk sewwa qalet l-attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha paragrafu 3 illi hi kienet il-fonti tal-flus tal-konvenut.

11. Kif lill-konvenut l-attrici skond ix-xiehda tieghu tal-11 ta' Dicembru 1992 kienet qaltlu li l-flus ma kienux problemi ghaliha, meta hi zbankat dak kollu li prattikament kellha fl-akkont biss wara xahrejn li ltaqghet mieghu u meta wara kollox ir-relazzjoni taghhom kienet ta' disa' xhur? possibli li din qatt ma qaltlu li hallset gidha kollu kwazi ghal xi haga partikolari? Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li qal il-konvenut illi l-konkluzjoni tal-perit legali kienet wahda gratwita fir-rigward tar-raguni ghalfejn inharget din is-somma, il-probabbilita' hi li dawn hi hargithom ghalih.

12. Skond ix-xiehda ta' Julian Briffa tat-23 ta' Novembru 1993, il-konvenut kien xtara l-Escort sewda minghandu u dan bil-prezz ta' cirka Lm1500. Dan ix-xhud spjega wkoll illi kien tah Lm1000 fuq akkont u hallas il-kumplament permezz ta' rati mensili ta' Lm100. Dawn kienu jithallsu fl-ahhar ta' kull xahar. Il-Qorti ghalhekk taqbel ma' dak li qalet l-attrici f'paragrafu 4 tan-nota taghha, fis-sens illi din ix-xhiehda tikkorrabora x-xiehda taghha. Fil-fatt fis-seduta tat-8 ta' Marzu 1994 meta muri Dok. X, Julian Briffa spjega illi kien biegh il-karrozza ghal Lm1300 u lis-*stereo* ghal Lm200. Jidher li t-tieni pagna ta' Dok. X kienet imbaghbsa u kif qal il-perit legali f'paragrafu x, ma hux daqshekk rassikuranti." l-ewwel u l-ahhar hames linji huma maghmula b'*biro* aktar cara u forsi anki fl-istess zmien u l-kumplament b'*biro* aktar skura u erga' forsi anke fl-istess zmien. Ukoll, kif sewwa qal il-perit legali, meta jinghaddu l-ammonti, dawn ma jammontawx ghal Lm1300. Lanqas jekk jinghaddu biss l-ammonti li saru bil-*biro* skura li jidher li ntuzat ukoll ghall-ewwel pagna, wiehed ma jasalx ghal Lm1300. Dan kollu jitfa' dawl dubjuz fuq dan id-dokument esebit u konsegwament fuq il-konvenut innifsu. Inoltre, Julian Briffa fit-23 ta' Novembru, 1993, xehed illi l-konvenut kien ihallas fl-ahhar tax-xahar u d-dati fuq id-dokument huma kollha fl-ewwel tax-xahar, cioe' fit-8 ta' kull xahar.

13. Il-konvenut mhux korrett meta fil-paragrafu 3 tan-nota tieghu jghid li l-attrici giet kontradetta fix-xhieda taghha minn Julian Briffa meta dan qal li hu qatt ma kien raha. Kif fis-sewwa tghid fin-nota taghha, ghalkemm marret mieghu darba wahda biss, hi qatt ma kienet dahlet mal-konvenut”.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Din il-Qorti rriproduciet fit-tul kemm l-analizi li ghamel il-Perit Legali tal-provi prodotti, kif ukoll l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata propju ghaliex hu aktar minn ovvju li r-rizoluzzjoni tal-prezenti vertenza kienet tiddependi unikament mill-apprezzament tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.  Ghandu jigi sottolinejat li dan mhux kaz fejn il-Qorti adottat ir-relazzjoni peritali bla diskussjoni u dibattitu kif giet sottomessa lilha. Ghall-kuntrarju, l-ewwel Qorti kellha quddiemha noti ta' kritika mill-aktar ezawrijenti ta' l-avukati tal-kontendenti u l-ewwel Qorti hadet il-briga li tevalwa s-sottomissjonjiet tal-perit legali anke fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet.  Jirrizulta wkoll li l-ewwel Qorti kkonduciet hi stess ezami minuzzjuz tal-provi u ghalkemm waslet ghall-istess konkuzzjoni li wasal ghaliha il-perit legali, tat il-kontribut taghha biex tissottolineja illi l-atti kienu juru illi l-verzjoni ta' l-attrici kienet dik attendibbli u veritjera. Kien propju ghal din ir-raguni li din il-Qorti dehrilha utili li tirripproduci estensivament is-sentenza appellata, ghaliex il-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti  taghmilha cara illi ma kien hemm l-ebda punt ta' dritt involut fil-mertu, imma kien hemm biss apprezzament ta' punti ta' fatt li l-kontendenti ppruvaw jistabilixxu u li l-ewwel Qorti kellha tizen l-attendibilita' taghhom.

Fil-verita' il-konvenut appellant jerga' jissolleva bhala aggravju dak illi kien issottometta lill-ewwel Qorti bi kritika ta' rapport peritali. Aggravju li hu limitat ghal ilmenti dwar il-mod kif kemm il-perit legali kif ukoll l-ewwel Qorti kkonsidraw bhala aktar veritjera l-verzjoni ta' l-appellata u jittanta illi identifika inkonsistenzi u skorrettezzi fil-provi prodotti mill-appellata li kien messhom wasslu lill-ewwel Qorti ghal konkluzzjoni ben diversa.

Fid-dawl ta' kif gie kondott l-iter processwali allura, din il-Qorti ma setghetx tonqos milli taghti l-piz debitu lill-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-fatti in kawza u ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Dana fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti u ormai pacifika ta' dawn il-qrati, din il-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex leggerment tiskarta tali apprezzament fattwali. Kellha hekk biss taghmel jekk jirrizultalha li altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja manifesta. Gurisprudenza din li naturalment ma tfissirx li din il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tindaga dwar l-aspett fattwali tal-kawza. Ifisser biss li dan kellha taghmlu fil-konsapevolezza illi l-ewwel Qorti, f'dan il-kaz bl-assistenza valida ta' perit legali mill-aktar espert, kellha l-opportunita' li tizen sewwa l-attendibilita' tal-verzjonijiet opposti lilha sottomessi, u fil-kaz tal-perit legali, li jaghmel dan anke mill-bixra tal-mod kif iddeponew il-kontendenti u x-xhieda minnhom prodotti.

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u ssib illi ma tarax raguni ghaliex ma kellhiex tikkonferma u tavalla l-konkluzzjonijiet tista' tghid identici kemm tal-perit legali, kif ukoll ta' l-ewwel Qorti li, kif inghad, bi processi indipendenti u paralleli waslu ghall-istess konkluzzjoni, dik cioe' illi kien ta' min jemmen il-verzjoni attrici u jiskarta dik tal-konvenut.

Din il-Qorti wkoll, bhall-ewwel Qorti u l-perit legali ssib il-verzjoni attrici ghal kollox konsistenti u kredibbli, anke jekk f'certi aspetti, kif hu spiss inevitabbli kien hemm addebiti fattwali li jkunu neqsin mill-kjarezza. Fis-sostanza pero' din il-Qorti hi sodisfatta, bhall-ewwel Qorti u l-perit legali, li l-attrici, propju minhabba r-relazzjoni li kienet nibtet bejnha u bejn il-konvenut kienet propensa illi tavanza flus lill-konvenut ghall-htigijiet u x-xewqat tieghu kif fil-fatt ghamlet. Kienet f'dak iz-zmien f'sitwazzjoni vulnerabbli li kienet tiddisponiha li taghti appogg finanzjarju lil persuna li kienet thobb u li kienet allura tafda. Dawn kienu ghal din il-Qorti cirkostanzi li graw minghawl id-dinja. Ma kien hemm xejn straordinarju fihom li jinkwadraw il-kaz ma' ta' hafna u hafna ohrajn fejn wiehed min-namrati jsofri volutament jew le vittma ta' l-avventura amoruza tieghu. Ma hemm xejn gdid jew inverosimili fic-cirkostanzi tal-kawza li jirrendi l-verzjoni ta' l-attrici inkredibbli. Ghall-kuntrarju, una volta issib sostenn minn provi cirkostanzjali, anke jekk f'dan il-kaz mhux daqstant qawwija, li jissufragaw il-verita' tal-fatti kif minnha sottomessi ssir inevitabbli l-konkluzzjoni li t-talbiet attrici jigu milqugha. Dan

ghaliex, f'sitwazzjoni bhal din, una volta tigi accettata l-korrettezza tal-verzjoni attrici, dan kellu bilfors iwassal biex tigi skartata ghal kollox dik konvenuta li tkun allura murija bhala inattendibbli u inveritjera. F'dan il-kontest din il-Qorti m'hemmx ghalfejn toqghod taghmel analizi dettaljata tal-provi prodotti. Taghmel accenn pero' ghall-fatt li l-verzjoni ta' l-attrici kienet korroborata minn xhieda tista' tghid indipendenti fil-process illi jikkorroboraw il-fatt allura provat illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn hi avanzat flus ghan-nom u fl-interess tal-konvenut. Fid-dawl tac-cirkostanza hi l-istess konvenut kategorikament jichad li dan qatt sehh, u tali korroborazzjoni takkwista importanza anke determinanti.

Din il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnotax li l-konvenut fid-difiza tieghu, aktar milli jipprovdi provi tangibbli biex isostni t-tezi tieghu li hu ma kellux bzonn ta''ghajnuna finanzjarja biex jissodisfa x-xewqat dikjarati tieghu, u aktar milli jissodisfa l-prova illi effettivament kellu l-mezzi biex hekk jaghmel, illimita ruhu biex jipprova jidentifika inkonsistenzi fil-provi prodotti mill-attrici, mhux biex jistabilixxi li din ma kellhiex il-fondi biex tavanzalu sa l-ammont li kien jehtieg, imma biex juri lill-Qorti li dawk l-istess fondi, li certament hi kellha, u zgur ma baqghux fil-pussess taghha fiz-zmien tan-namur mal-konvenut, ma kienux gew avanzati lilu. Prova din li din il-Qoti, bhall-ewwel Qorti u bhall-perit legali tasal ghall-konkluzzjoni li ma saritx b'mod konvincenti. L-appell ghalhekk ma setghax jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi dedotti mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appell qed jigi michud u l-istess sentenza konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg

mm